IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**
Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 6 (07)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 6(07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar il-21 ta' Lulju, 2015 fil-hamsa ta` wara nofsinhar (5:00pm)

## Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Kunsilliera: Is-Sinjuri Lawrence Attard, Anton Gellel u Eman Zerafa
Is-Segretarju Ezekuttiv: Is-Sjra Tania Belfiore

## Talba

Il-Laqgha bdiet fil-hamsa (5:00pm) ta` wara nofsinhar. Is-Sindku qal it-talba u taha bidu ghall-kontinwazzjoni tal-Laqgha numru 6 (07).

## Korrispondenza

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, pogga fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza hekk kif inhi mnizzla hawn taht.

- Kwotazzjoni tad-dawl li jahdem bix-xemx ghat-traffic lights gewwa l-Birgu minghand Smart Lights & Systems (M) Ltd. Wara li gie diskuss il-prezz u l-vantaggi ta' din is-sistema ta' dawl kien hemm qbil unanimu.

- Disinji artistici minghand il-Perit Claude Busuttil ta' kif huma ppjanati li jigu rinovati l-Klabb tar-Regatta u l-latrina biswit. L-approvazzjoni ta' dawn il-pjanijiet li ser jghaddu ghand il-MEPA gew approvati b'mod unanimu.

- Sensiela ta' korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u mill-Kunsill rigward il-performance bonus tas-Sjra Fiona Said, ex-Segretarju Ezekuttiv. B'vot unanimu gie deciz li l-performance bonus ta' 9% li kien originaljament approvat mill Kunsill, jigi rivokat ghal 7% minhabba diversi nuqqasijiet li saru minn naha tas-Sjra Said u li l-Kunsill sar jaf bihom biss wara li hi telqet. Dan it-tibdil fid-decizjoni originali seta' jsehh bis-sahha tal-Artiklu 43 (Ordnijiet Permanenti) no. 23, li jinsab fi-Sitt Skeda tal-Att tal-Kunsilli Lokali Kap. 363.

- Kontenut ta' imejl minghand il-Perit Claude Busuttil, liema kontenut inkluda diversi suggerimenti kif ser tkun l-istatwa ta' La Vallette u l-pozizzjoni kif ser titpogga. Sar qbil unanimu fuq l-istatwa maghzula.

- Imejl minghand Maestro Emanuel Spagnol – fejn ta informazzjoni lill-Kunsill x'se jinvolvi l-programm tal-kuncert tal-5 ta' Settembru, 2015.

- Imejl iffirmata mis-Sindku, s-Sur John Boxall fejn informa lis-Sur Mario Farrugia (Fondazzjoni Wirt Artna), li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jaqbel ma' dak li gie propost u diskuss bejn iz-zewg partijiet rigward Couvre Porte.

- Korrispondenza iffirmata mis-Sindku, is-Sur John Boxall lill-Ministru Joe Mizzi, fejn talab l-ghajnuna tieghu sabiex il-lanca li tinsab mitluqa fit-Toqba tkun tista' titnehha.

- Korrispondenza iffirmata mis-Sindku, is-Sur John Boxall lil Noel Zammit (Heritage Malta) fejn fakkru fil-hlasijiet li kellhom isiru minn Heritage Malta ghall-ispejjez tal-baned u l-armar tal-attivita' tas-17 ta' Mejju, 2015.

- Korrispondenza ffirmata mis-Sindku, is-Sur John Boxall lil Perit Mario Ellul dwar sinjali ta' parkegg li kellhom suppost isiru u ghadhom ma sarux.

- Kopja ta' korrispondenza mill-Mepa fejn qeghda taghti acknowledgement tal-applikazzjoni li saret mill-Kunsill ghall-alterazzjonijiet interi u lift gewwa l-Berga tal-Ingilterra.

- Korrispondenza mid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali fejn l-istess dipsrtiment qed jikkommeti ruhi li jaghti l-ammont ta' €600 f' ghajnuna ghall-librerija lokali.

- Korrispondenza mis-Sur Joseph Spiteri fejn informa lill-Kunsill li l-laqgha jmiss tal-assocjazzjoni European Walled Town ser issir f'Ravenna bejn it-30 ta' Settembru u it-3 ta' Ottubru, 2015 fejn fost affarijiet ohra ser ikun hemm elezzjoni ghal President, Vici President u Tezorier. Is-Sindku informa lill-kunsilliera li fi zmien qasir ghandu jkun deciz min ser jattendi din il-laqgha.

- Korrispondenza minn Sean Fitz fejn qed jitlob permess sabiex jitwahhlu 20 pavement signs. Is-Sindku spjega lill-kunsilliera li ta kull pavement sign, il-Kunsill jithallas €116.46 fis-sena. Wara diskussjoni, gie deciz bi qbil unanimu li wiehed ghandu jindaga ftit qabel ma tittiehed decizjoni finali.

- Korrispondenza mill-Kunsill liz-zewg banded tal-lokalita' fejn ikkonferma bil-miktub li laqa' t-talba li huma ghamlu lill-istess ghall-ghajnuna fl-attivitajiet ta' Jum il-Birgu 2015.

  Spunt li hareg minn din il-korrispondenza. Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ippropona li jsiru zewg irhamiet kommerattivi tal-450 Anniversarju, u li sawn jitwaahlu wahda fil-binja tal-Kunsll u l-ohra wara l-monument tal-Vitorja. Fuq dik i ser titwahhal fil-binja tal-Kunsill ikun hemm skrizzjoni li tikkommemora z-zjarati ufficcjali taz-zewg Granmastri li gew moghtija l-Unur ta' Cittadin Onorarju tal-Belt tal-Birgu. Il-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu qablu unanimament.

- Sensiela ta' korrispondenza bejn Arts Council Malta u l-Kunsill rigward il-palk li ser jintrema ghall-kuncert tal-5 ta' Settembru. Il-kunsill talab lil Art Council Malta sabiex jibbukjalu l-palk ghal din l-attivita'. Saret talba sabiex il-palk jintrema minn naha ta' Art Council Malta.

- Notifika mill-MEPA dwar applikazzjoni li saret sabiex tinfetah lukanda fil-Waterfont tal-Birgu. Il-Kunsill, b'mod unanimu, ma sab l-ebda oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni.

- Korrispondenza minghand Mark Causon – fejn ta bil-miktub il-hinijiet li ghamel fuq progetti tal-kunsill kif ukoll l-invoices li jkopru minn Jannar sa Gunju, 2015. Is-Sindku sahaq li ghandu jigi ccarat jekk i-fondi mill-progett jaslux qabel jew wara li s-Sur Causon jithallas.

- WELCOME Project – Welcoming Network for Migrants' Rights and European Citizenship – L-ewwel laqgha dan il-progett ser issir gewwa Taormina bejn id-9 u it-13 t'Ottubru, 2015. It-tieni laqgha ser issir gewwa l-Birgu f' Jannar 2016.

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv

- Ittra lil Onor. Min. Joe Mizzi fejn f'isem il-Kunsill, is-Sindku talab l-ghajnuna sabiex tigi restawrata l-istatwa ta' San Filippu.

- Komunikat mill-Kunsill ta' Cisternino rigward it-Tielet Konferenza Internazzjonali 'The Most Beautiful Villages' li ser titella' hemmhekk bejn is-16 u it-18 t' Ottubru, 2015.

- Korrispondenza minghand il-President tal-Ghaqda Muzikali San Lawrenz, Lawrence Farrugia fejn talab id-dati tal-Birgufest 2015 kif ukoll laqgha mal-Kunsill rigward subleltting tal-gabbani. Is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba tikkomunika mas-Sur Farrugia biex tinfurmah li din il-materja ghadha qeghda tigi diskussa internament fil-Kunsill.

- Dokument tal-Board Resolution li nghata lil Banif Bank sabiex is-Segretarju Ezekuttiv tkun it-tieni firmatarja flimkien mas-Sindku.

## DECIZJONI TAT-TENDER TAL-ACCOUNTANT

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill rcieva 5 tenders fejn instab li wahda minnhom kienet invalida. Intant il-Kunsilliera gew infurmati ukoll li ser tintalab direzzjoni biex il-Kunsill ikunx jista' jzomm lill-kumpanija ta' accountants li ghandu fil-prezent sakemm l-accounts tal-kunsill ikun up-to-date. It-tenders validi ghad iridu jkun aggudikati.

## APPROVAZZJONI TAL-AUDIT REPORT & FINANCIAL STATEMENT LI GHALAQ FIL-31 TA' DICEMBRU, 2014

Gie ipprezentat ukoll ghall-approvazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv, l-Audit Report & Financial Statatement li ghalaq fil-31 ta' Dicembru, 2015.

Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjegat lill-membri tal-Kunsill il-kontenut ta' dan ir-rapport, l-imsemmi rapport gie approvat b'vot unanimu.

## POZIZZJONI TAL-AMBAXXATUR/AMBAXXATRICI TAZ-ZAGHZAGH

Is-Sindku gie nfurmat mis-Segretarju Ezekuttiv li l-Ambaxxatrici taz-Zaghzagh, is-Sinjorina Leanne Attard, se taghlaq tmintax-il sena f' Ottubru li gej. Huwa nforma lill-kunsilliera li f'Ottubru jinhatar zaghzugh/zaghzugha mill-lokalita'. Tintbaghat mailshot fir-residenzi kollha tal-lokal sabiex dak iz-zaghzugh/a nteressati u eliggibli ghal din il-pozizzjoni ikunu jistghu japplikaw.

**Zona Protetta ghall-Ghawwiema – It-Toqba**

Il-Kunsillier Anton Gellel ressaq l-ilment li qieghed ikun hemm bosta dghajjes fil-vicinanza ta' diversi ghawwiema li jiffrekwentaw it-Toqba. Huwa ssugerixxa li jitoblu lill-Ministeru tat-Transport u Xoghlijiet sabiex jintervjeni u jigi stabbilit sa fejn jistghu jersqu l-bcejjec tal-bahar. Il-Kunsill qabel unanimament li issir talba lill-Ministru Joe Mizzi.

**JUM IL-BIRGU 2015**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-amministrazzjoni tal-Kunsill qieghda tiprocessa l-inviti li ser jintbaghtu, fosthom lil bosta persuni distintinti ghall-kuncert li ser jitella fil-5 ta' Settembru, 2015. Informa wkoll li ser ikun hemm zewg ceremonji ta' kxif ta' zewg irhamiet kommemorattivi wahda gewwa l-binja tal-kunsill u l-ohra fil-post li ghadu li jrid ikun deciz gewwa l-Birgu. Huwa fakkar ukoll lill-Kunsilliera li ghadha trid tittiehed decizjoni dwar min ser jinghata Gieh Jum il-Birgu. Intant gie diskuss ukoll il-kiri tal-palk, id-dwal u s-sound ghal pjancir u d-dwal ghall-esebizzjoni li hemm il-hsieb li tittella' fil-binja tal-kunsill. Kien hemm qbil unanimu jigi avvicinat is-Sur Keith Demicoli sabiex jintalab jipprezenta l-programm.

**BIRGUFEST 2015**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, sahaq li l-preparamenti ghal din l-attivita' ghandhom jibdew b'mod immedjat.

Gew diskussi diversi possibilitajiet ta' min ser jigi avvicinat sabiex jaghti spettaklu. Intant, is-Sindku, inkariga lill-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, sabiex jiehu r-responsabilta' tas-Short Film Festival li ser jittella' f'din l-attivita'.

## AGGORNAMENT

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja ta' filghaxija (8:00pm).

Il-Laqgha 7 (7) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu giet aggornata ghat-Tlieta 4 ta' Awwissu, 2015 fil-5:00 ta' wara nofsinhar.

______________________
Tania Belfiore
Segretarju Ezekuttiv

__________________________
Ikkonfemati
John Boxall
Sindku

Approvati, illum.................................................................